MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2007

Numru. 221/2005

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')

vs

Brian Mallia

Il-Qorti;

Rat li l-imputat, Gordon Zerafa ta' 30 sena, bin Joseph u Annunziata nee Mercieca, imwieled Pieta fit-22 ta' Marzu, 1976, residenti f'25, Petite Fleur, Triq Ganni Faure, Tarxien u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 168376(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-15 ta' Marzu, 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni

wahda, fil-hanut College Corner fi Triq J Borg, Msida, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe’ karti ta’ l-ezamijiet passati tal-MATSEC, proprjeta ta’ l-Universita ta’ Malta;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkosanzi, ghal qligh, jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, iddublika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha;

U aktar talli fil-15 ta’ Marzu, 2006, xjentement issoprima jew b’xi mod iehor qered it-tracci jew indizji ta’ reat;

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti nkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta’ Mejju 2006 (Dok. B3) sabiex il-kawza tinstema’ u tigi deciza bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar it-28 ta’ Frar, 2007 *ai termini* ta’ l-artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tat-28 ta’ Frar, 2007 u cioe’ fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfronti ta’ l-imputat u meta sar l-ezami ai termini ta’ l-Artikoli 390 (1) u 392 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453 (1) tal-Kapitlu 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq oha salv li ssibu hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat u l-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni fil-kors ta' l-investigazzjonijiet.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikoli 17,18, 298(1)(f), 298B u 111(2)(a) tal--Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tidikjara li qed issib lill-imputat Gordon Zerafa hati ta' l-akkuzi kollha kif minnu ammessi u tiddeciedi li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitt lira Maltin (LM100).

Il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex fil-kaz ta' htija l-imputat ghandu jigi kkundannat ihallas l-ispejjez konnessi ma' l-hatra ta' esperti kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 u dan peress li ma jirrizultax li kienu mahtura esperti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------